



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 7 ta' Diċembru 2012 (10.12)
(OR. en)**

17468/12

**SOC 992
SAN 322**

NOTA

minn:	Kunsill (EPSCO)
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. preċ.:	16592/12 SOC 948 SAN 289
Suġġett:	Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (2012): It-Triq 'il Quddiem

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-Dikjarazzjoni tal-Kunsill kif adottata mill-Kunsill (EPSCO) fis-6 ta' Diċembru 2012. Fl-Anness, din fiha l-Prinċipji Gwida għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet, maqbula b'mod konġunt mill-Komitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Komitat tal-Impjiegi.

Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (2012): It-Triq 'il Quddiem

Filwaqt li jfakkar li l-Unjoni Ewropea hi bbażata fuq il-valuri universali tad-drittijiet u tal-bniedem u d-dinjità, il-libertà, l-ugwaljanza u s-solidarjetà, u li t-Trattat ta' Lisbona 2009 kkonferma li fost oħrajn l-Unjoni għandha tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet¹;

Filwaqt li jinnota li l-Istrateġija Ewropa 2020 tappella għal tkabbir inklużiv u parteċipazzjoni akbar fis-suq tax-xogħol u t-tnaqqis fir-rati tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, - il-Kunsill

- jesprimi l-impenn qawwi tiegħu fil-promozzjoni tat-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet, u jistieden lill-atturi rilevanti kollha biex jieħdu kont sħiħ ta' dan l-approċċ fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020; u
- u jilqa', f'din il-konnessjoni, il-"Prinċipji Gwida għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet", elaborati mill-Komitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Komitat tal-Impjiegi (*annessi għal din id-Dikjarazzjoni*).

1. Inkoraġġuti mill-kisbiet kontinwi tas-Sena Ewropea 2012

It-tiġid u s-sottolinjar tal-kontributi utli li l-anzjani jagħmlu lis-soċjetà u lill-ekonomija, it-titjib tal-indipendenza tagħhom, kif ukoll it-tiġid tas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet, huma l-oġġettivi tas-Sena Ewropea 2012.

¹ L-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

Is-Sena Ewropea 2012 ikkontribwixxiet għall-ħolqien ta' momentum politiku. Hija wriet li dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha, mill-UE sal-amministrazzjonijiet lokali, u firxa wiesgħa ta' partijiet interessati inklużi msieħba soċjali u ħafna organizazzjonijiet tas-soċjeta ċivili li jirrappreżentaw lill-ġenerazzjonijiet kollha, huma lesti li jingħaqdu u jagħmlu pass 'il quddiem biex jegħlbu l-isfidi u jaħtfu d-diversi opportunitajiet tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu.

Il-momentum li nħoloq għall-promozzjoni tat-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet imur lil hinn mis-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-bidliet fl-attitudnijiet lejn it-tixjiħ. Hi wkoll sejħa biex dawn il-kisbiet jitkomplew u jiġi tradotti f'legat politiku qawwi li jagħti riżultati konkreti, billi jiżgura l-koeżjoni soċjali u l-prosperità u jikkontribwixxi għall-benesseri tal-ġenerazzjonijiet kollha.

2. Nippromwovu l-valuri tal-UE u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet

Is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet f'soċjetà li qed tixjiħ b'mod partikolari teħtieġ il-ħolqien ta' kundizzjonijiet li jippermettu lill-anzjani jiksbu aktar indipendenza li tippermettilhom jieħdu responsabbiltà aħjar għall-ħajjithom stess u li jikkontribwixxu għas-soċjetà, billi jkunu jistgħu jgħixu f'dinjità bħala membri totali tas-soċjetà. Dan jitlob tqassim ibbalanċjat tar-riżorsi u l-opportunitajiet bejn il-ġenerazzjonijiet.

Id-dritt tal-anzjani li jgħixu ħajja ta' dinjità u indipendenza u li jipparteċipaw f'ħajja soċjali, ekonomika, kulturali u ċivika huwa mnaqqax fl-impenn tal-UE għall-aġenda tat-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet, kif inhi l-ħtieġa għal soċjetà għal kull età.

3. Inħabbtu wiċċna mal-isfidi u naħtfu l-opportunitajiet

Il-bidla demografika tista', fost oħrajn, tiġi indirizzata b'suċċess permezz ta'approċċ pożittiv tul il-ħajja li jiffoka fuq il-potenzjal tal-ġenerazzjonijiet kollha u b'mod partikolari tal-gruppi anzjani. Tenħtieġ azzjoni biex kemm in-nisa kif ukoll lill-irġiel ikunu jistgħu jibqgħu attivi bħala ħaddiema, konsumaturi, kuranti, voluntieri, u ċittadini u biex tiġi ppreservata s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet.

It-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet jitolbu:

- it-tishiĥ tal-koeżjoni soċjali, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tul ħajjet il-persuna billi jkunu żgurati opportunitajiet u l-aċċess għas-servizzi u għall-attivitajiet politiċi, soċjali, rikreazzjonali u kulturali; il-volontarjat, li jgħin biex jinżammu n-netwerks soċjali u jonqos l-iżolazzjoni; il-kisba ta' kompetenzi ġodda li jikkontribwixxu għas-sodisfazzjoni u l-benessri personali;
- il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, permezz ta' azzjonijiet għall-involviment taż-żgħażaġh u l-anzjani fit-taħriġ u fl-attivitajiet ta' taġlim tul il-ħajja, li tiffaċilita t-trasmissjoni tal-għarfien bejn il-ġenerazzjonijiet; kif ukoll permezz ta' azzjonijiet għar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja privata;
- ir-rikonnoxximent tal-valuri kollha tal-gruppi ta' kull età u l-kontribut taġħhom lis-soċjetà, b'hekk jiġu promossi perċezzjonijiet u attitudnijiet pożittivi lejn il-gruppi ta' kull età; billi jiġu involuti fit-tfassil tad-deċiżjonijiet (il-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika), billi tingħata attenzjoni speċjali għall-opinjonijiet u t-tħassib taġħhom u billi jkunu jistgħu ssemkaw leħenhom fil-proċessi ta' riċerka li jistgħu jaffetwawhom;
- il-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni biex titjeb ħajjet l-anzjani, inklużi ambjenti aċċessibbli għal kulħadd, il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni fis-soċjetà għal għajxien itwal u indipendenti, inkluża l-promozzjoni tal-inklużjoni elettronika u s-saħħa elettronika, kif ukoll innovazzjonijiet oħra teknoloġiċi u tal-ICT, biex b'hekk titrawwem l-ekonomija tal-fidda;
- il-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard u d-dijanjosi bikrija matul iċ-ċiklu tal-ħajja, kif ukoll ir-riabilitazzjoni, li jwasslu għal tixjiĥ attiv u f'saħħtu u għajxien indipendenti, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtiġijiet differenti tan-nisa u tal-irġiel fir-rigward tas-servizzi rispettivi u r-riċerka futura;
- l-aġġustament tas-sistemi tas-sigurtà soċjali b'tali mod li huma jkunu jistgħu jipprovdu pensjonijiet sostenibbli u adegwati li ser jikkontribwixxu għat-tnaqqis tan-numru ta' anzjani, speċjalment nisa, li jgħxu taħt il-limitu tal-faqar u jippermettu lill-anzjani jgħixu fid-dinjità.


4. Naħdmu flimkien għall-futur

L-UE u l-Istati Membri tagħha, kif ukoll l-imsieħba soċjali, is-soċjeta ċivili, is-settur privat u l-partijiet interressati rilevanti kollha, għandhom jaħdmu flimkien fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u dak lokali fi sforz biex jagħtu opportunitajiet aħjar lill-anzjani biex jibqgħu attivi u biex jipparteċipaw fis-soċjetà flimkien mal-ġenerazzjonijiet aktar żgħażuġha. Matul is-sena Ewropea 2012 ġew implimentati diversi inizjattivi, li juru li dawn is-sħubiji qed joħolqu bażi pożittiva għas-snin futuri. Il-legat tas-Sena Ewropea 2012 jeħtieġ jiġi ppreservat u żviluppat aktar fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u dak lokali, matul il-linji deskritti fil-Prinċipji Gwida għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet, meħmuża ma' din id-Dikjarazzjoni.

5. Naqblu dwar il-messaġġi politiċi ewlenin

- It-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet huma l-qofol tal-ħolqien ta' Ewropa għal kull età - Ewropa kompetittiva, għanja u kooperattiva ta' innovazzjoni, kreattività, inklużjoni u kożjoni soċjali.
- It-tixjiħ attiv jinkludi l-parteċipazzjoni tal-anzjani f'affarijiet soċjali, ekonomiċi, politiċi, kulturali u ċiviċi, kif ukoll fil-forza tax-xogħol.
- Il-potenzjal ta' xogħol għall-anzjani għandu jintuża bis-sħiħ matul is-sistemi ta' taġħlim tul il-ħajja, il-linji ta' politika dwar it-tixjiħ attiv li jippermettu kemm lin-nisa kif ukoll lill-irġiel jibqgħu jaħdmu aktar fit-tul, fil-linji ta' politika dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol u fil-promozzjoni ta' tixjiħ f'saħħtu bħala proċess kontinwu matul iċ-ċiklu tal-ħajja.
- It-trasmissjoni tal-għarfien u l-ħiliet tal-anzjani lill-ġenerazzjonijiet aktar żgħażuġha u viċe-versa għandha tkun inkoraġġuta u l-ħiliet tagħhom ikunu jistgħu wkoll jintużaw wara li jirtiraw, pereżempju fl-ekonomija soċjali u permezz ta' xogħol volontarju.

- Il-miżuri li jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni bejn il-ġenerazzjonijiet għandhom jiġu promossi u l-perċezzjonijiet negattivi u l-isterjotipi, inklużi l-isterjotipi tas-sessi, għandhom jiġu eliminati fuq il-livelli ċentrali, reġjonali u lokali.
- Il-perspettiva tat-tixjiħ attiv għandha tiġi integrata fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha.
- Ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja privata, għan-nisa u l-irġiel, tista' tissaħħaħ permezz tal-linji ta' politika ta' ugwaljanza bejn is-sessi, il-miżuri favorevoli għall-ħajja familjari u l-prattiki fuq il-post tax-xogħol, arranġamenti ta' leave kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel u miżuri għall-kura tat-tfal u l-membri anzjani jew persuni dipendenti oħra b'diżabbiltà.



Il-Kumitat tal-Impjegi Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali

Prinċipji Gwida għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet

Preambolu

Minħabba stennija ta' għomor dejjem itwal u rati ta' fertilità dejjem aktar baxxi, il-proporzjon ta' anzjani fl-Ewropa qed jiżdied b'mod rapidu. Huwa pproġettat li sal-2050, il-proporzjon ta' nies li għandhom 'il fuq minn 65 meta mqabbel mal-popolazzjoni tal-età tax-xogħol (15-64 sena) ser jilħaq 50% - id-doppju tal-livelli attwali.

Dawn l-iżviluppi demografiċi jimplikaw konsegwenzi soċjali u ekonomiċi kbar. Filwaqt li l-aspetti pożittivi ta' għomor itwal m'għandhomx jintesew, il-sitwazzjoni attwali tippreżenta wkoll sfida għall-provvista tax-xogħol u għas-sistemi ta' protezzjoni soċjali. B'dawn tal-aħħar ibbażati prinċipalment fuq il-prinċipju ta' solidarjetà fil-ġenerazzjonijiet u bejniethom jeħtieġ li jinżamm tqassim ibbilanċjat ta' riżorsi bejn il-gruppi ta' età.

L-anzjani jagħtu kontribut sinifikanti għall-ekonomija u s-soċjetà, iżda hekk kif il-livelli ta' saħħa u edukazzjoni tagħhom jitjiebu maż-żmien, il-kontributi tagħhom jistgħu jikbru aktar. Dan jista' jsir billi jsir użu sħiħ tal-potenzjal tagħhom billi jittejbu l-opportunitajiet għall-ġid fiżiku, soċjali u mentali matul il-ħajja. Dan huwa l-għan tal-approċċ tal-politika tat-"tixjiħ attiv". Huwa l-qofol għal kwalità għolja tal-ħajja għal nies ta' kull età, produttività aħjar u pass lejn solidarjetà b'saħħitha bejn il-ġenerazzjonijiet fis-soċjetajiet tagħna li qed jixxjeħu. L-approċċ għat-tixjiħ attiv promoss fil-kuntest tas-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet wkoll jikkontribwixxi għaż-żieda fl-impjegi u t-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni soċjali u b'hekk jgħin biex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020.

It-tixjijh attiv jeħtieġ li jiġi promoss fl-oqsma tal-impjiegi, il-parteċipazzjoni fis-soċjetà, u l-għajxien indipendenti skont il-prinċipji gwida li jinsabu hawn taħt. Jeħtieġ li dawn jiġu implimentati b'kont meħud tad-differenzi fl-organizzazzjoni u r-riżorsi tal-Istati Membri, u ċ-ċirkostanzi u l-isfidi speċifiċi li jħabbtu wiċċhom magħhom.

It-tixjijh attiv jitlob li jittieħdu miżuri ffirxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika minn ħafna partijiet interessati. Dawn jinkludu awtoritajiet pubbliċi flivelli differenti, negozji u msieħba soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fornituri ta' servizzi u mezzi tal-informazzjoni. L-innovazzjoni soċjali u użu aktar affettiv ta' teknoloġiji ġodda jistgħu jkollhom rwol ewlieni x'jaqdu fil-promozzjoni tat-tixjijh attiv. Jeħtieġ li jitrawmu opportunitajiet għal tixjijh attiv għall-gruppi kollha ta' anzjani, irrISPettivament mill-ġens, l-etniċità, l-isfond kulturali u diżabbiltà possibbli. It-tixjijh attiv jagħmilha wkoll possibbli li jkun hemm solidarjetà akbar fost l-anzjani nnifishom. Hekk kif aktar anzjani jieħdu ħsieb ta' htigijietom stess permezz tat-tixjijh attiv, is-soċjetà tista' tagħti aktar appoġġ lil daww l-anzjani l-aktar fil-bżonn.

Prinċipji Gwida għat-Tixjijh Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet

(1) Impjiegi

- **Edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali kontinwi:** In-nisa u l-irġiel ta' kull età jiġu offruti aċċess għal u parteċipazzjoni fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet biex ikunu jistgħu (jerġgħu) jidħlu u jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq tax-xogħol f'impjiegi ta' kwalità.
- **Kundizzjonijiet tax-xogħol li jħarsu s-saħħa:** Jiġu promossi kundizzjonijiet tax-xogħol u ambjenti tax-xogħol li jħarsu s-saħħa u l-benessri tal-ħaddiema, biex b'hekk tiġi żgurata l-impjegabbiltà tal-ħaddiema tul ħajjithom kollha.
- **Strateġiji ta' ġestjoni tal-età:** Il-karrieri u l-kundizzjonijiet tax-xogħol jiġu adattati għall-ħtiġijiet dejjem jinbidlu tal-ħaddiema huma u jixjieħu, biex b'hekk jiġi evitat l-irtirar bikri.

- **Servizzi ta' mpjiegi għal ħaddiema anzjani:** Tingħata konsulenza, kollokament, appoġġ għal integrazzjoni mill-ġdid għall-ħaddiema anzjani li jixtiequ jibqgħu fis-suq tax-xogħol.
- **Il-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni minħabba l-età:** Jiġu żgurati drittijiet ugwali għall-ħaddiema anzjani fis-suq tax-xogħol, billi l-età ma tintużax bħala kriterju deċiżiv għall-valutazzjoni ta' jekk ħaddiem hux adatt għal ċertu xogħol jew le; jiġu evitati sterjotipi negattivi marbutin mal-età u attitudnijiet diskriminatorji lejn ħaddiema anzjani fuq il-post tax-xogħol; jiġi enfasizzat il-kontribut li jagħmlu l-ħaddiema anzjani.
- **Sistemi ta' taxxa/benefiċċji li jgħinu l-impjiegi:** Jiġu rieżaminati s-sistemi ta' taxxa u benefiċċji li x-xogħol jiswa għall-ħaddiema anzjani, filwaqt li jiġi żgurat livell xieraq ta' benefiċċji.
- **Trasferiment tal-esperjenza:** Jiġu kapitalizzati l-għarfien u l-ħiliet ta' ħaddiema anzjani permezz tal-konsulenza u gruppi magħmula minn etajiet differenti.
- **Rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-kura:** Jiġu adattati l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-arranġamenti tal-leave xierqa għan-nisa u l-irġiel, biex bħala kuranti informali jitħallew jibqgħu f'impjieg jew imorru lura għas-suq tax-xogħol.

(2) Parteċipazzjoni fis-soċjetà

- **Sigurtà ta' dħul:** Jiddaħħlu fis-seħħ sistemi li jipprovdu dħul xieraq fix-xjuħija li jippreżerva l-awtonomija finanzjarja tal-anzjani u li permezz tiegħu jkunu jistgħu jgħixu b'dinjità.
- **L-inklużjoni soċjali:** Jiġu miġġielda l-esklużjoni u l-iżolazzjoni soċjali tal-anzjani billi jiġu offruti opportunitajiet ugwali biex jipparteċipaw fis-soċjetà permezz ta' attivitajiet kulturali, politiċi u soċjali.

- **Volontarjat mill-anzjani:** Jinħoloq ambjent aħjar għal attivitajiet ta' volontarjat tal-anzjani u jitneħħa x-xkiel eżistenti sabiex l-anzjani jkunu jistgħu jikkontribwixxu għas-soċjetà billi jagħmlu użu mill-kompetenzi, il-ħiliet u l-esperjenza tagħhom.
- **Tagħlim tul il-ħajja:** L-anzjani jingħataw opportunitajiet ta' tagħlim, partikolarment foqsmha bħat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), il-kura awtonoma u l-finanzi personali, biex jingħataw is-setgħa li jieħdu sehem attiv fis-soċjetà u jmexxu ħsieb ħajjithom.
- **Parteċipazzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet:** l-anzjani nisa u rġiel jinżammu involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet, partikolarment fl-oqsmha li jolqtuhom direttament.
- **Appoġġ għal kuranti informali:** Ikun disponibbli appoġġ u taħriġ professjonali għal kuranti informali; tiġi żgurata kura temporanja u protezzjoni soċjali xierqa biex tiġi evitata l-esklużjoni soċjali ta' kuranti.

(3) Għajxien indipendenti

- **Promozzjoni tas-saħħa u prevenzjoni tal-mard:** Jittieħdu miżuri biex jiġu massimizzati s-snin ta' ħajja b'saħħitha għan-nisa u l-irġiel u jitnaqqas ir-riskju tad-dipendenza permezz tal-implimentazzjoni ta' promozzjoni tas-saħħa u prevenzjoni tal-mard. Jingħataw opportunitajiet għal attività fiżika u mentali adatti għall-kapaċitajiet tal-anzjani.
- **Djar u servizzi adattati:** Id-djar jiġu adattati u jingħataw servizzi li jħallu anzjani b'indebolimenti tas-saħħa jgħixu bl-ogħla livell ta' awtonomija possibbli.
- **Trasport aċċessibbli u bi prezz raġonevoli:** Is-sistemi tat-trasport jiġu adattati biex isiru aċċessibbli, bi prezz raġonevoli, sikuri u mingħajr periklu għall-anzjani, biex b'hekk ikunu jistgħu jibqgħu awtonomi u jieħdu sehem attiv fis-soċjetà.

- **Ambjenti u prodotti u servizzi li jirrispettaw l-età:** L-ambjenti lokali kif ukoll il-prodotti u s-servizzi jiġu adattati sabiex ikunu xierqa għal nies ta' kull età (approçè ta' disinn għal kulħadd), b'mod partikolari billi jsir użu minn teknoloġiji ġodda, fosthom is-saħħa elettronika; tiġi evitata d-diskriminazzjoni minħabba l-età fl-aċċess għall-prodotti u s-servizzi.
- **Tiġi massimizzata l-awtonomija fil-kura fit-tul:** Għal nies fi bżonn ta' għajjnuna/kura, jiġi żgurat li l-awtonomija u l-parteċipazzjoni tagħhom tiżdied, tinżamm jew tiġi lura safejn jista' jkun u li jiġu ttrattati b'dinjità u kumpassjoni.
